MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru 235/2014

Il-Pulizija

Spettur Joseph Busuttil

vs

Nigel Dingli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 151394m akkuzat talli:

1. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ ta’ xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ iktar minn €32.50 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra;

2. iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe diversi biljetti tat-trasport pubbliku, illi meta gew prezentati seta ircieva bihom hlas, jew ha l-kunsinna ta' oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
3. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat u cioe diversi biljetti tat-trasport pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4. xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. kiser ordni ta' probation li nghata lili mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D fil-21 ta' Jannar 2013 u talli kiser ordni ta' probation li nghata lilu mill-Magistrat Dr S. Demicoli LL.D fid-29 ta' Lulju 2013;

Il-Qorti hi mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi trattata sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputat jiddikjara li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat :

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, li jikkoncernaw primarjament il-falsifikazzjoni u t-truffa, fir-rigward hames biljetti tal-"Arriva";

L-akkuzi li jittrattaw, ksur ta' zewg ordni ta' probation u l-akkuza konsegwenti r-recidiva wkoll jinsabu ammessi, b'daqstant pero' li s-sentenzi relattivi l-ksur ta' probation ma gewx ezebiti; fatt li l-Qorti ser tikkunsidrah fil-piena.

Tiddikjara u ssib l-imputat hati. Rat l-Artikolu 308, 167, 183, 184, 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446;

Tiddeciedi: li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggieh taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------